**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1162/01 AE**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**vs**

**Clouds Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitt lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm100.20) bilanc ta' prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija kkonsenjata lis-socjeta konvenuta.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret fis-seduti tas-7 ta' Jannar 2002 u dik tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Hubert Dalli jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba kif dedotta mis-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitt lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm100.20), bilanc ta' prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) ikunu ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**